

Brussell, 15 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

13683/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0202(NLE)**

---

**CLIMA 283  
ENV 889  
ENER 480  
IND 269  
COMPET 707  
MI 754  
ECOFIN 962  
TRANS 505  
AELE 62  
CH 59**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	13177/18 + ADD 1 12508/19 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieġed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I u II għall-Ftehim – Adozzjoni

---

1. L-għan tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gass serra tagħhom ("il-Ftehim") hu li jkun hemm kollegament bejn l-iskemi għall-iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE u tal-Iżvizzera, li jippermetti li l-kwoti maħruġa f'sistema waħda jkunu jistgħu jiġu skambjati u użati għall-konformità fl-oħra.
2. Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2017/2240 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim<sup>1</sup>. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017.

---

<sup>1</sup> ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1.

3. Fit-23 ta' Jannar 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2018/219 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim<sup>2</sup>. Din għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar tas-sena wara l-iskambju tal-istrumenti ta' ratifika jew l-approvazzjoni mill-Partijiet. L-istrument ta' approvazzjoni tal-UE ser jiġi notifikat meta l-Konfederazzjoni Żvizzera tkun daħħlet fis-seħħ ir-regoli meħtieġa li jestendu l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tagħha għall-avjazzjoni u l-Anness I tal-Ftehim ikun ġie emendat skont dan.
4. L-Artikolu 12 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt, li huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Ftehim. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim fir-rigward tal-Kumitat Konġunt ġew applikati b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu. Skont l-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi għall-Ftehim. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt saret fil-25 ta' Jannar 2019.
5. Fil-25 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I u II għall-Ftehim<sup>3</sup>.
6. Fis-7 ta' Ottubru 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) eżamina l-proposta tal-Kummissjoni. Abbażi tad-diskussjonijiet fil-WPE u l-kummenti tad-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet proposta ta' kompromess tal-Presidenza<sup>4</sup> li ntlaħaq qbil dwarha fil-WPE fil-18 ta' Ottubru b'segwitu ta' proċedura ta' silenzju informali.

---

<sup>2</sup> ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1.

<sup>3</sup> Dok. 12508/19 + ADD 1

<sup>4</sup> Dok. 13177/19 + ADD 1

7. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dok. 13327/19, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti, dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I u II għall-Ftehim. Ladarba l-Kumitat Konġunt ikun emenda l-Annessi msemmija, jitqies li l-kondizzjonijiet meħtieġa huma ssodisfati għan-notifika tal-istrument tal-approvazzjoni tal-Unjoni.

It-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ser jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

---